**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 05**

**Data:** **4 ta' Settembru, 2019**

**Hin:** **11.15am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

05.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

05.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

05.5 Korrispondenza u Rapporti;

05.6 Attivitajiet;

05.7 Progetti u Xogholijiet;

05.8 Skeda ta' Pagamenti;

05.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**05.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

05.1.1 Ma kien hemm ebda' ittra ta' apologija.

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.1 Joseph Mizzi qal li f'Pagna 4 tal-Minuti jissemmew il-parking bays u staqsa jekk hux kulhadd qabel li ma jsirux ghax ma kienx cert. Tonio Mifsud qal li huwa ghadda mill-post imsemmi kemm 'il darba u nnota li ma jipparkjawx sewwa f'dan il-post. Is-Sindku spjega li wara l-laqgha l-Perit tal-Kunsill kien intalab jara x'jista' jsir peress li huwa kaz urgenti.

05.2.2 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.3.1 Is-Sindku qal li saret proposta ghal *double yellow lines* faccata tad-*disabled parking* li jinstab fi Triq Trux peress li qed tinholoq problema biex jghaddu l-karozzi minhabba li t-triq mhux wiesgha hafna. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba mat-Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines.* Tonio Mifsud qal li importanti li ma jitnehhiex hafna parking. Is-Sindku spjega li d-*disabled parking* sar skond il-ligi kif approvat mit-Transport Malta. Huwa zied jghid li fir-realta' l-Kunsill kien ippjana dan il-*parking* aktar 'il fuq fejn zgur ma kienetx ser tinholoq problema pero' Transport Malta ddecidew li jsir fejn qieghed fil-prezent.

05.3.2 Is-Sindku qal lill-membri tal-Kunsill li l-muturi ta' l-elettriku li huwa parti mill-progetti tal-*permanent measures* tas-sena 2018, ser jitqassmu liz-zghazagh nhar il-Erbgha 18 ta' Settembru. Hemm possibilita' li ghal dan ikun hemm prezenti l-Ministru tat-Transport l-Onor. Ian Borg kif ukoll il-Ministru ghal Ghawdex l-Onor. Justyne Caruana. Dettalji jinghataw aktar 'il quddiem kif ikun hemm il-konfermi.

05.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien gie avvicinat fir-rigward tad-dar li kienet ta' Frangisk Portelli u li tinsab fi Triq l-Gharb peress li din ghandha valur storiku sabiex din tkun tista' tigi preservata. Is-Sindku qal li huwa ta l-opinjoni li l-valur ta' din id-dar huwa marbut ma' l-aspett religjuz u ghaldaqstant ssugerixxa li ghandha tintbghat ittra lill-Kurja ta' l-isqof sabiex jiehdu hsieb li gewwa fiha ma jsirx zvilupp kummercjali minhabba li fil-prezent hemm permess kummercjali u tigi ppreservata. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tintbghat ittra

lil Isqof.

05.3.4 Is-Sindku semma l-proposta' ta' talent show li giet imsemmija f'laqghat precedenti. Din it-talent show tista' tkun miftuha mhux biss ghar-residenti imma ghal kulhadd. Tonio Mifsud staqsa jekk hemmx xi zmien u gie spjegat li m'hemmx pero' l-ideja jekk ikun hemm zmien huwa li jsir xi haga ghal zmien il-Milied. Tkompliet id-diskussjoni fejn fost l-ohrajn gie innotat li jekk ikun hemm numru sostanzjali ta' applikanti jista' jsir f'forma ta' *audition* biex issir l-ghazla fost l-applikanti. Tonio Mifsud staqsa ukoll jekk kienx hemm fondi ghal dan il-ghan fejn gie spjegat li tista' ssir applikazzjoni ghal ghajnuna biex jinkisbu dawn il-fondi. Il-Kunsill ra ukoll li jekk din it-tip ta' talent show titella' jrid ikun hemm kumitat apposta b'konsultazzjoni ma' nies professjonali. Joseph Mizzi staqsa jekk jistax jsir ma' Make Music Great pero' gie spjegat li ghal dan il-festival ikun hemm diga l-fondi apposta allokati ghalih. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-importanti li dan it-tip ta' talent show tkun qeghda hemm biex tghin lill-intraprizi lokali kif ukoll qabel mall-kuncett ta' din l-attivita'.

05.3.5 Is-Sindku spjega li fil-prezent qed isiru l-preparamenti ghall-Kite Festival fejn fil-prezent l-organizzatur qed jaghmel kuntatt mall-pajjizi. Gie spjegat li s'issa jidher li hemm 48 partecipant b'possibilita' li jitla' sa 60. Tonio Mifsud staqsa dwar il-fondi ghal din l-attivita'. Gie spjegat li hemm fondi mid-dipartiment mil-fond tal-kultura kif ukoll fondi ohra mill-Ministeru ghal Ghawdex. Joseph Mizzi staqsa jekk hux ser jinhargu flus mill-Kunsill fejn gie spjegat li irid johrog il-parti tieghu li diga hija mahsuba fil-budget. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel ghandu jghaddi deposit lil-organizzatur. Il-Kunsill qabel unanimament li ghaddu jghaddi depozitu lill-organizzatur.

Bhala program gie spjegat li l-Gimgha ssir l-inawgurazzjoni fil-grawnd tal-futbol kif ukoll workshops fil-prezenza tat-tfal flimkien ma' workshops . Is-Sibt ikun hemm workshops fuq il-post fiz-zona ta' San Dimitri kif ukoll titjir tal-kites u filghaxija jkun hemm titjir u barbeque tal-festa ta' San Dimitri. L-ahhar gurnata li tkun dik tal-Hadd ikun hemm workshops u titjir kif ukoll tqassim tat-trophies tal-kompetizzjoni mill-Ministru ghal Ghawdex Justyne Caruana u tokens lid-delegazzjoni. Joseph Mizzi staqsa dwar it-traffic management. Gie spjegat li s-sena l-ohra kien hemm eghlieqi li kienu ser jintuzaw pero' kien hemm ix-xita u ghaldaqstant ma setghux jintuzaw. Is-Sindku qal li din is-sena hemm possibilita' li b'kollaborazzjoni mall-Ministeru ghal Ghawdex kien qed ikun studjat Park and ride minn Ta' Dbiegi u bil-possibilita' ukoll mill-Parking tar-Rabat. Miriam Borg issuggeriet li jsir transport bit-tuk tuk. Tonio Mifsud qal li sewwa jinghalqu it-tappieri tal-bjar mikxufin fl-ghelieqi privati. Gie spjegat li ghal kull attivita' ta' dan it-tip isir risk assessement minn l-Inginier fuq il-post li l-kunsill ikun obligat iwettaq dak kollu mitlub fir-rapport. Min-naha l-ohra l-Kunsill ma jidholx fil-privat u ghaldaqstant mhux fil-kompitu tieghu jara dan. Joseph Mizzi ssugerixxa li l-compare li jkun hemm prezenti kul tant u tant jghid fuq il-microfone avviz biex in-nies ma jidhlux fl-eghlieqi tal-privat.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**05.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

05.4.1 Is-Sindku spjega li kienu waslu zewg mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi.

Gie innotat li pero' wahda minnhom kienet diga imwiegba fl-laqgha precedenti.

Il-mistoqsija l-ohra kienet tirrigwardja affarijiet zghar u s-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex meta jkun hemm kazi zghar iwassalu l-ilment ghad is-Segretarju Ezekuttiv sabiex tittiehed azzjoni immedjata. F'kaz ta' xi kaz partikolari li tidhol ukoll nafqa partikolari ghandha tigi diskussa. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi skond kif indikat mis-Sindku.

05.4.2 Tonio Mifsud talab sabiex iwassal xi domandi / suggerimenti min-naha tieghu. Is-Sindku spjega li d-domandi jridu jaslu qabel ghand il-Kunsill u mhux waqt il-laqgha. Fl-istess waqt is-Sindku ta permess lis-Sur Mifsud sabiex iwassal id-domani / suggerimenti tieghu.

05.4.3 Tonio Mifsud qal li quddiem ir-residenza 'St. Joseph', Triq ta' Sdieri kien hemm *double yellow line* li ghal xi raguni gie mizbuh bl-isewed. Gie spjegat li meta saret iz-zebgha s-safra, dan sar fuq ordni tar-resident/a nfisha minghajr approvazzjoni u ghaldaqstant tant kellu jitranga u jsir iswed. Tkompliet id-diskussjoni fejn Tonio Mifsud wera anke ritratt tal-post u fost ohrajn gie innotat s-sid partikolari ma' jkunx irid lil hadd jipparkja quddiem tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna ghanda issir talba lil Transport Malta sabiex jinghta parir dwar dan.

05.4.4 Tonio Mifsud talab sabiex il-parking li hemm quddiem id-dar numru 27 ta' Triq ta' Sdieri l-ahjar isir faccata kif kien isir fil-passat u l-parking li hemm jickien. Gie spjegat li l-parking ghall-persuni b'dizabilita' li kien hemm quddiem din l-istess residenza kienet saret fuq talba tar-residenti infushom. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill iddecieda li ghandu jigi inkarigat il-Perit biex jevalwa din il-materja.

05.4.5 Tonio Mifsud qajjem diskussjoni dwar il-parkegg quddiem ir-residenza numru 30, Pjazza Gerano minhabba l-mod ta' kif qed isir il-parkegg dan qed jostakola lir-residenza milli tidhol u tohrog fid-dar taghha. Tonio Mifsud issugerixxa li ticcekkejn il-bankina fejn hemm il-bankijiet biex jitnehha parking. Tkompliet id-diskussjoni fejn s-Sindku issugerixxa li l-parkegg li hemm quddiem din id-dar jigi parkegg ghall-muturi. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab il-permess tat-Transport Malta sabiex dan il-parkegg partikolari isir ghall-muturi.

05.4.6 Tonio Mifsud talab sabiex jehel bank iehor fi Pjazza Gerano fejn gie ikkonfermat li f'dan il-post fil-fatt kien diga previst li ser jehel bank iehor. Is-Sindku wiegbu li din it-talba ga waslet ghand il-Kunsill u li l-bank qed jinzebah biex jehel fil-jiem li gejjin.

05.4.7 Tonio Mifsud semma bi problema li hemm fi Pjazza taz-Zjara tal-Madonna fejn il-

vetturi mhux qed iduru dejjem kif suppost mar-roundabout u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li ghandha tehel tabella. Is-Sindku qal li tabella ga jezistu zewg tabeli min-naha ta' Triq Virtut. Is-Sindku qal li hemm talba quddiem ir-roads departent sabiex ikun hemm *refreshment* tas-sinjali fil-pjazza.

05.4.8 Tonio Mifsud ippropona li fi Triq ta' Sdieri kif tghaddi lil blokka ta' appartamenti 'Ta' Pinu Court' isiru *parking bays* li b'kollox jidhlu tlieta. Is-Sindku issugerxxa li ghandu jidhol il-perit u jara fuq il-post u ssir proposta lil Transport Malta. Il-Kunsill qabel unaimament.

**05.5 Korrispondenza u Rapporti**

05.5.1 Joseph Mizzi ghadda korrispondenza minghand George Mizzi liema korrispondenza kienet diga intbghatet permezz tal-email lil Kunsill. Is-Sur Mizzi talab lill-Kunsill ghajnuna fil-filming ta' sensiela bl-isem ' Grajjiet Gaudos' permezz ta' provediment ta' refreshments, sinjali u tabelli tat-triq. Il-Kunsill iddiskuta' din il-korrispondenza u qabel li ghandu jaghti l-ghajnuna tieghu.

05.5.2 Korrispondenza ohra mghoddija mis-Sur Joseph Mizzi li ukoll kienet mibghuta permezz ta' email kienet minghand is-Sur Mario Cauchi mill-Gharb fejn gie spjegat li ser jippartecipa f'attivita' fejn ser jitla' mall-muntanja Kilamangaro u qed jigbor fondi ghall-karita' li ser imorru ghall-Moviment Gesu fil-Proxxmu.

Is-Sindku spjega li huwa kien diga tkellem mas-Sur Cauchi u ssugerixxa li dan jigi mistieden sabiex jippartecipa' f'attivitajiet intellghin mill-Kunsill u jigbor il-fondi. Huwa ssugerixxa li jista' joffri servizz ta' daqq fejn il-fondi ghas-servizzi moghtija lilu jkunu ghall-karita'. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suggeriment.

05.5.3 Gew trattati applikazzjoni ghal zvilupp numru PA05921/19, PA06484/19 u PA06489/19

**05.6 Attivitajiet**

05.6.1 Is-Sindku ssugerixxa li ssir harga ghal Malta ghar-residenti. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li din il-harga ghandha ssir it-Tlieta 24 ta' Settembru, 2019.

05.6.2 Attivita' li ser tigi organizzata fit-13 ta' Settembru hija Clean Up the World fejn diga sar l-avviz u n-nies huma mitluba jirregistraw. Tonio Mifsud suggerixxa li jigu inkluzi t-tfal ta' l-iskola pero' gie innotat li f'din il-gurnata tkun ghadha ma bdietx l-iskola. Giet diskussa l-possibilita' li tkun tista' ssir attivita' simili s-sena d-diehla f'xi triq bhaz-zona ta' San Dimitri jew simili.

05.6.3 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet marbuta mall-European Mobility Week fejn il-program kien qed jigi imhejji kif segwenti:

It-Tlieta 17 ta' Settembru, mixja mill-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna sa l-Iskola u

wara hands on ta' food preparation u attivitajiet ohra gewwa l-grawnd tal-futbol.

Il-Gimgha 20 ta' Settembru, ssir survey taz-zebra crossing fiz-zona tal-Fgura.

Is-Sibt 21 ta' Settembru jsir id-Dining Al Fresco. Gie spjegat li bhala membri ta' kull sena jippartecipaw f'din l-attivita' b'ikla f'wiehed mir-ristoranti. Bhala entertainment jigi provdut lir-ristoranti mill-Kunsill. Gie spjegat ukoll li marbuta ma' l-attivitajiet ikun hemm ta' kull sena lotterja ghal zewg e-bikes. Is-Sindku ssugerixxa sabiex din is-sena minflok zewg e-bikes jitella' mutur ta' l-elettriku. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Il-Hadd 22 ta' Settembru, l-ahhar gurnata ser tkun mimlija b'ghadd ta' attivitajiet fosthom anke il-Herb Festival. Dawn l-attivitajiet ser isiru bejn id-9am sas-1pm. L-Ideja ta' dan il-festival hija li jkun hemm erba' kokijiet fil-Pjazza isajru li ser jaghmlu erba' platti li jkun tip ta' degustazzjoni ta' ikel. Fuq naha ohra tal-Pjazza ser ikun hemm prodotti tas-sahha u prodotti medicinali naturali. Fl-istess gurnata ser issir ukoll maratona ghat-tfal u ghall-kbar. Dik tat-tfal ser tinqasam fi tfal bejn 6-8 snin u bejn 9-11'il sena. Gie spjegat li din il-martona gew ikkuntatjati l-organizzaturi tax-xaghra. Il-Kunsill qabel mall-program propost u qabel ukoll li l-maratona ghandna tkun organizzata bl-ghajnuna tax-Xaghra.

05.6.4 Attivita' ohra ghax-xahar ta' Ottubru ser tkun il-Kite Festival. Dan ser isir bejn it-18 u 20 ta' Ottubru. Dan ser isir kif spjegat aktar 'il quddiem.

05.6.5 F'Novembru ser titella' l-Opra u l-festival 'Make Music Great'. Is-Sindku spjega li kien hemm kuntatti ma' banda minn Spanja fejn jistghu jigu ghal dan il-festival. Bhala hlas il-Kunsill ikun irid ihallas €1000 u akkomodazzjoni. Joseph Mizzi staqsa kif soltu jaghmel il-Kunsill fir-rigward ta' akkomodazzjoni. Gie spjegat li peress li l-Kunsill ikun irid jospita' numru sostanzjali ta' persuni l-iktar mod vantaggjuz u fejn il-gruppi jkunu ma' xulxin anke minhabba provediment ta' ikel u transport, jintuza l-akkomodazzjoni tal-fanal. Saret diskussjoni ukoll dwar il-program ta' kif jista' jsir fejn gie spjegat li fis-snin precedenti kien isir filghodu minhabba l-familji. Gew issugerit fost ohrajn li ssir ikla folkloristika is-Sibt filghaxija jew inkella l-kuncert bilbanda. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex il-parata ta' din is-sena ssir bil-vetturi antiki peress li dawn jattiraw numru ta' persuni. Huwa ssugerixxa ukoll li jkunu prezenti l-iscouts jew il-banda tal-armata. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li dan il-programm jigi diskuss aktar 'il quddiem.

## 05.7 Progetti u Xogholijiet

05.7.1 Gie spjegat li bhala xogholijiet hemm Triq il-Madonna tal-Virtut fejn il-Korporazzjoni ta' l-ilma lestiet ix-xogholijiet taghha. Il-kuntrattur min-naha tieghu qed jitlob li jahdem bir-rati ta' l-2013. Fuq dan ir-rigward gie ikkuntatjat il-Perit sabiex jara d-differenza. Il-fondi ghal din it-triq kif diga gie spjegat gejjin mill-Ministeru ghal Ghawdex. Tonio Mifsud staqsa dwar l-parir tal-Perit fejn gie spjegat li hemm raguni li r-rati huma aktar minn 10 snin antiki. Il-Kunsill qabel li

il-Perit ghandu jitratta mall-kuntrattur u naraw fejn wiehed jasal. Min-naha l-ohra gie spjegat li hemm ukoll Triq San Pietru fejn ghad baqa' l-wicc biss. Fuq Triq Virtu' din ser tigi tiswa' madwar €200,000. Is-Sindku spjega li waqt l-andament tax-xoghol f'Triq il-Madonna tal-Virtut sar culvert u li l-Ministeru kienu ta' ghajnuna fil-provista ta' pipijiet. Xogholijiet ohra kellhom isiru waqt l-andament tax-xoghol fejn dawn ikunu jridu jsiru dak il-hin. Il-Vici Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li l-ahjar nimxu mall-parir tal-perit fuq il-bqija tax-xogholijiet. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm qbil isir xoghol fuq Triq il-Madonna tal-Virtut, Triq San Pietru u Triq Tumas Cassar fejn din ghandha tinhadem bir-rati ta' l-2013.

Tonio Mifsud qal li fi Triq Tumas Cassar il-wires tad-dawl ghandhom jinqalghu u jghaddu minn taht. Gie spjegat li minkejja li din tista' ssir din hija spiza ulterjuri li l-Kunsill mhux possibli ghalih li jaghmel. Pero' min-naha l-ohra jekk 'il quddiem ikun hemm ix-xewqa li ssir xorta wahda tkun tista' ssir.

**05.8 Skeda ta' Pagamenti**

05.8.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

05.8.2 Is-Sindku nforma lill-membri li z-zjara li jmiss tal-progett tat-turizmu hemm zjara ohra f'Madrid bejn it-13 u 15 ta' Novembru. Huwa stieden sabiex min mill-membri huwa interessat ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv. Tonio Mifsud u l-Vici Sindku qalu li huma interessati.

**05.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

05.9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 2 ta' Ottubru fl-11.00am.

05.9.2 Il-laqgha spiccat fis-1.00pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |